31987R1591

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1591/87

ta' l-5 ta' ġunju 1987

Li jistabbilixxi l-i*standards* tal-kwalità għall-kaboċċi, il-*brussels sprouts*, il-karfus irrigat, l-ispinaċi u l-għanbaqar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-trattat li jwaqqaf il-komunità ekonomika ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-regolament tal-kunsill (kee) nru 1035/72 tat-18 ta' mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix ([1]), kif l-aħħar emendat bir-regolament (kee) nru 1351/86 ([2]), u partikolarment l-artikolu 2(3) tiegħu,

Billi l-i*standards* tal-kwalità għall-kaboċċi, il-*brussels sprouts* u l-karfus irrigat huma stabbiliti fir-regolament tal-kunsill nru 41/66/kee ([3]) u billi kategorija "iii" oħra għall-*brussels sprouts* kif definita fir-regolament (kee) nru 75/74 ([4]);

Billi l-i*standards* tal-kwalità għall-ispinaċi huma stabbiliti fl-anness i/1 għar-regolament tal-kummissjoni nru 58 ([5]), kif l-aħħar emendat fl-anness i/1 bir-regolament (kee) 899/87 ([6]);

Billi l-i*standards* tal-kwalità għall-għanbaqar huma stabbiliti fl-anness ii/8 tar-regolament tal-kunsill nru 23 ([7]), kif l-aħħar emendat bir-regoalment (kee) nru 1129/86 ([8]);

Billi kienu saru bidliet fil-produzzjoni u l-marketing ta' dawn il-prodotti, partikolarment il-ħtiġiet tas-suq bl-imnut u bl-ingrossa; billi l-i*standards* tal-kwalità komuni għandhom għal-hekk jinbidlu biex iqisu r-rekwiżiti ġodda;

Billi l-i*standards* huma applikabbli fl-istadji kollha tal-marketing; billi l-ġarr għal distanza twila, il-magazzinaġġ għal ċertu tul ta'żmien jew id-diversi operazzjonijiet ta' tqandil bl-idejn jistgħu jġibu deterjorazzjoni f'dawn il-prodotti li jitħassru malajr; billi, għalhekk għandha titqies din id-deterjorazzjoni meta jiġu applikati l-i*standards* fl-istadji tal-marketing wara li jintbagħtu; billi minħabba li l-prodotti fil-klassi "extra" għandhom jingħażlu u jiġ u ppakkjati b'attenzjoni partikolari, in-nuqqas biss ta' freskezza jew in-nefha għandhom jiġu kkunsidrati fil-każ tagħhom;

Billi fl-interess taċ-ċarezza u ċ-ċertezza rigward il-ħtiġiet legali u għall-faċilità ta'l-użu l-i*standards* hekk mibdula għandhom, meta tkun sa ssir emenda ulterjuri, jiġu abbozzati mill-ġdid f'test wieħed;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma bi qbil ma'l-opinjoni tal-kumitat tal-ġestjoni għall frott u l-ħaxix,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-i*standards* tal-kwalità għall:

— Kaboċċi, li jaqgħu taħt is-subtitolu 07.01 b ii u l-ex 07.01 b iii, li jaqgħu taħt is-subtitolu ex 07.01 b iii,

— Il-karfus irrigat, li jaqa' taħt is-subtitolu ex 07.01 t,

— L-ispinaċi, li taqa' taħt is-subtitolu 07.01 c,

— L-għanbaqar, li jaqa' taħt is-subtitolu 08.07 d

Tat-tariffa komuni tad-dwana huma stabbiliti fl-annessi I, ii, iii, iv u v

Dawn l-i*standards* għandhom jgħoddu għall-istadji kollha ta' marketing, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament (kee) nru 1035/72.

B'danakollu, fl-istadji ta' wara li jintbagħtu l-prodotti jista' jkollhom, b'relazzjoni ma' l-i*standards* preskritti,

— Ftit nuqqas ta' freskezza u nefħa,

— Għall-prodotti klassifikati fil-klassi differenti mill-klassi "extra", alterazzjonijiet ħfief dovuti għall-iżvilupp tagħhom u għan natura tagħhom jitħassru malajr.

Artikolu 2

Ir-regolament nru 41/66/kee u r-regolament (kee) nru 75/74 qegħdin b'hekk jitħassru

Artikolu 3

Ir-regolament nru 58 qiegħed b'hekk jiġi emendat kif ġej:

— Fl-artikolu 1"07.01ċ' u "spinaċi' qed jitħassru;

— L-anness i/1 qed jitħassar.

Artikolu 4

Ir-regolament nru 23 qiegħed b'hekk jiġi emendat kif ġej:

— Fl-artikolu 2(3) il-kliem "u għall-għanbaqar" qed jitħassar;

— L-anness ii/8 qed jitħassar.

Artikolu 5

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-gazzetta uffiċjali tal-komunitajiet ewropej.

([1]) ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
([2]) ĠU L 119, tat-8.5.1986, p. 46.
([3]) ĠU C 69, tad-19.4.1966, p. 1013/66.
([4]) ĠU L 9, tal-11.1.1974, p. 35.
([5]) ĠU C 56, tas-7.7.1962, p. 1607/62.
([6]) ĠU L 88, tal-31.3.1987, p. 17.
([7]) ĠU C 30, ta' l-20.4.1962, p. 965/62.
([8]) ĠU L 103, tad-29.4.1986, p. 22.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jgħodd direttament fl-istati membri kollha.

Magħmul fi brussel, 5 ta' ġunju 1987.

Għall Kummissjoni
Frans ANDRIESSEN
Viċi-President

L-ANNESS I

L-I*STANDARD* TAL-KWALITÀ GĦALL-KABOĊĊI BIR-RAS

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-i*standard* jgħodd għall-kaboċċi bir-ras speċifikati mkabbra minn varjetajiet (cultivars) tal-kaboċċi bil-weraq imkemmex var. Capitata l. (Li jinkludu kaboċċi aħmar u kaboċċi bil-ponot) u minn kaboċċi bil-weraq imkemmex. Var. *bullata dc. U var. Sabauda l.* (Kaboċċi ta savojja), fornuti f'mod frisk lill-konsum jiġi eskluż.atur, waqt li l-kaboċċi għall-ipproċessar industrijali huma esklużi.

II. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ

L-Għan ta'l-i*standard* hu li jiddefinixxi l-ħtiġiet tal-kwalità għall-kaboċċi bir-ras wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Ħtiġiet minimi:**

Fil-kategoriji kollha, mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali għal kull kategorija u t-tolleranzi permessi, il-kaboċċi bir-ras għandhom ikunu:

— intatti,

— friski fid-dehra,

— mhux mifqugħa, li ma jkollhom ebda sinjul ta' żvilupp ta' blanzun,

— bla mard, bil-prodott effettwat minn taħsir jew deterjorazzjoni tali li tirrendih mhux tajjeb għall-konsum jiġi eskluż. Jiġi eskluż,

— ħielsa minn brix u ħsara,

— ħielsa minn insetti u/jew parassiti oħrajn,

— ħielsa minn ħsara dovuta għall-ġlata,

— nodfa, prattikament ħielsa minn kull materja barranija u jidher,

— ħielsa minn umdità esterna mhux normali,

— ħielsa minn kull riħa u/jew togħma barranija.

Iz-zokk għandu jkun maqtugħ ftit l-isfel mill ponta l-aktar baxxa ta' mnejntikber il-werqa; il-weraq għandhom jibqgħu mwaħħla b'mod sod, u l-qatgħa għandha tkun pulita.

IL-kondizzjoni tal-kaboċċi bir-ras għandha tkun tali li tagħmilhom kapaċi:

— jirreżistu għat-trasport u l-irfiegħ bl-idejn, u

— li jaslu f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifikazzjoni:**

IL-Kaboċċi bir-ras speċifikati jiġu kklassifikati f'żewġ taqsimit li huma definiti hawn isfel:

(i) IL-Kategorija I:

IL-kaboċċi bir-ras u klassifikati f'din il-kategrojia għandhom ikunu ta kwalità u jkollhom il-aratteristiċi tipiċi kollha tal-varjetà. Huma għandhom ikunu kompatti, skond l-ispeċi tagħhom

IL-Kaboċċi bir-ras, skond il-varjetàtagħhom, għandu jkollhom il-weraq imwaħħla b'mod sod. Il-kaboċċi bir-ras moħbija jista' jkollhom ftit mill-weraq tagħhom imneħħi. Il-kaboċċi ħodor ta' savoja bir-ras u l-kaboċċi bir-ras bikrija, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-varjetà tagħhom, għandhom ikunu mnaddfa sew mill-weraq, iżda meta jsir dan għadd ta' weraq jistgħu jitħallew għall-protezzjoni.

IL-Kaboċċi bir-ras ħadra jistgħu jkunu xi ftit bil-ġlata.

Dawn li ġejjin huma ammessi:

— Xquq żgħar fil-weraq ta' barra,

— Ftit brix u tirqim ħafif tal-weraq ta' barra iżda li ma jeffetwax il-kondizzjoni tajba tal-prodott

(ii) Kategorija II:

Din il-kategorija tinkludi kaboċċi bir-ras li ma jikkwalifikawx għall-inklużjoni f'kategorija I, iżda li jilħqu l-ħtiġiet minimi speċifikati hawn fuq. Dawn jistgħu jkunu differenti minn kaboċċi bir-ras tal-klassi I f'dawn il-modi li ġejjin:

— dawn jista' jkollhom xquq fil-weraq ta' barra,

— aktar mill-weraq tagħhom ta' barra jista' jitneħħa,

— dawn jista' jkollhom brix akbar u l-weraq ta' barra jista' jkun aktar mirqum estensivament,

— dawn jistgħu jkunu anqas kompatti.

III. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS

Id-daqs jiġi stabbilit mill-piż nett. Dan m'għandux ikun anqas minn 350 gramma kull unità.

Id-daqs huwa obbligatorju għall-kaboċċi bir-ras ippreżentati f'pakketti. F'dak il-każ, il-piż ta'l-itqal ras f'kull wieħed mill-pakketti m'għandux ikun aktar mid-doppju tal-piż ta'l-eħfef ras. Meta l-piż ta'l-itqal ras tkun daqs jew anqas minn 2 kilogrammi id-differenza bejn l-itqal u l-eħfef ras tista' tkun sa kilogramm.

IV. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZI

It-tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs huma permessi f'kull pakkett jew f'kull lott fil-każ tal-kaboċċi bir-ras trasportati bil-kwantità fil-każ ta': prodott li ma jissodisfax il-ħtiġiet tal-klassi indikata.

A. **IT-Tolleranzi tal-kwalità:**

(i) Kategorija I:

10 % bil-għadd jew bil-piż tal-kaboċċi bir-ras li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-kategorija, iżda li jilħqu l-ħtiġiet tal-kategorija ii jew b'mod eċċezzjonali, jidħlu fit-tolleranzi ta' dik il-kategorija.

(ii) KATEGORIJA II:

10 % bil-għadd jew bil-piż tal-kaboċċi bir-ras li ma' jissodisfawx il-ħtiġiet tal-kategorija, jew il-ħtiġiet minimi, iżda minbarra l-kaboċċi bir-ras li jkunu jidhru effettwati mit-taħsir jew minn deterjorazzjoni oħra u li ma jagħmluhomx tajba għall-konsum jiġi eskluż.

B. **Tolleranzi tad-daqs:**

Għall-klassijiet kollha: 10 % bil-għadd jew bil-piż tal-kaboċċi bir-ras li ma jkunux jaqblu mall-ħtiġiet speċifikati rigward:

— l-uniformità,

— id-daqs minimu.

b'danakollu, l-ebda ras ma tista'tkun tiżen anqas minn 300 gramma.

V. DISPOSIZZJONIJIET LI RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

IL-Kontenut ta' kull pakkett jew lott, jekk jiġi ttrasportat bl-ingrossa għandu jkun fih biss kaboċċi bir-ras ta'l-istess oriġini, varjetà u kwalità.

IL-Kaboċċi bir-ras klassifikati fil-kategorija I għandhom ikunu uniformi fil-forma u l-kulur.

IL-Parti li tidher tal-kontenut tal-pakkett jew tal-lott għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **L-Ippakkjar**

IL-Kaboċċi bir-ras għandhom ikunu ppakkjat b'tali mod li jassiġuraw li jkunu protetti b'mod xieraq. Dawn jistgħu jiġu kkunsinjati ippakkjati jew bil-kwantità.

IL-Materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu nodfa u tal-kwalità tali li tevita l-ikkaġunar ta' ħsara esterna jew interna lil-prodott. L-użu ta' materjaliu partikolarment ta' karta jew tikketti li juru l-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali huwa permess basta l-istampar jew l-ittikkettjar ikunu saru b'linka jew kolla mhux tossiċi.

IL-Pakketti, jew il-lottijiet jekk il-prodott jiġi trasportat bl-ingrossa, għandhom ikunu ħielsa minn kull materja barranija.

VI. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR

1. Għall-kaboċċi bir-ras ippreżentat f'pakketti, kull pakkett għandu jkollu dawn il-partikolarijiet li ġejjin f'ittri ragruppati fuq naħa minnhom, immarkati b'mod li jinqraw u li ma jitħassrux u li jkunu jidhru minn barra:

A. Identifikazzjoni

IL-Pakkjatur u/Jew IL-Mittent } L-Isem u l-indirizz ta' marka tal-marka tal-kodiċi maħruġa jew aċċettata uffiċjalment.

B. Natura tal-prodott

— "Kaboċċi bir-ras bajda", eċċ., jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra,

C. Oriġini tal-prodott

— IL-Pajjiż ta'l-oriġini, mhux obbligatorju, id-distrett fejn tkabbar, jew l-isem tal-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. Speċifiċi kummerċjali

— Kategorija,
— Piż jew għadd ta' unitajiet.

E. Marka uffiċjali ta' kontroll (mhux obbligatorja)

2. Għall-kaboċċi bir-ras trasportati bl-ingrossa (mgħobbija direttament ġo vettura jew ġo kompartiment ta' vettura), il-partikolarijiet ta' hawn fuq għandhom jidhru fuq dokument li jakkompanja l-oġġetti jew fuq avviż imqiegħed f'pożizzjoni fejn tidher ġewwa l-vettura.

L-ANNESS II

L-*ISTANDARD* TAL-KWALITÀ GĦALL-*BRUSSELS SPROUTS*

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-i*standard* jgħodd għall-*Brussels sprouts* li huma l-qliebi li jikbru madwar iz-zokk assillari tal-varjetà (cultivars)) tal-brassika o*leracea* l. Var. Bullata is-subazr. Gemmifera dc., fornuta friska lill-konsumatur, minbarra *Brussels sprouts* għall-ipproċessar industrijali i.

II. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ

IL-Għan ta' dan l-i*standard* huwa li jiddefinixxi l-ħtiġiet tal-kwalità għall-*brussels sprouts* wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Ħtiġiet minimi**

Fil-kategorji kollha mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali għal kull kategorija u t-tolleranzi permessi, il-brussel sprouts għandhom ikunu:

— intatti,

— bla mard, prodott effetwat minn taħsir jew minn deterjorazzjoni b'mod li jagħmluh mhux tajjeb għall-konsum jiġi eskluż.

— friski fid-dehra,

— nodfa, prattikament ħielsa minn kull materja barranija li tidher,

— mhux iffriżati,

— ħielsa minn insetti u/jew parassiti oħra,

— ħielsa minn umdità esterna mhux normali,

— ħielsa minn riħa u/jew togħma barranija.

IZ-Zokk tal-*Brussels sprouts* mirquma għandu jkun maqtugħ sewwa sew taħt il-weraq ta' barra; iz-zokk tal-*Brussels sprouts* mhux mirquma għandu jkun miksur mill-bażi; il-qatgħa jew il-kisra għandha tkun pulita, mingħajr ma partijiet oħra tal-pjanta jkunu mwaħħla.

Il-kondizzjonijiet tal-*Brussels sprouts* għandhom ikunu tali li jppermettu li:

— jkunu kapaċi jirreżistu għat-trasport u l-irfiegħ bl-idejn u

— li jaslu f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

Il-*Brussels sprouts* huma kklassifikati fi tliet taqsimiet kif definit hawn taħt:

(i) Kategorija I

Il-*Brussels sprouts* f'din it-taqsima. Għandhom ikunu:

— sodi,

— magħluqa,

— ħielsa mill-ħsara tal-ġlata.

Brussels sprouts mirquma għandhom ikunu kuluriti sewwa.. Għall-*Brussels sprouts* mhux mirquma, weraq bażilari li jitilfu ftit il-kulur huma permessi. Ħsara ħafifa fil-weraq ta' barra, ikkaġunata, mill-qtugħ, l-għażil jew l-ippakkjar hija wkoll permessa, sakemm din ma teffetwax il-kondizzjoni tal-prodott.

(ii) Kategorija II

Din il-kategorija tinkludi l-*brussels sprouts* li ma jikkwalifikawx għad-dħul f'taqsima I iżda jissodisfaw il-ħtiġiet kif speċifikati hawn fuq.

b'danakollu, il-prodott f'din it-taqsima jista' jkun:

— anqas sod,

— anqas magħluq iżda mhux miftuħ,

— Barra minn hekk jista jkollu ħsara minħabba l-ġlata.

(iii) Kategorija III ([1])

Din il-kategorija tinkludi *Brussels sprouts* li ma jikkwalifikawx biex jiddaħħlu f'kategoriji oġħla iżda li jissodisfaw il-ħtiġiet tal-kategorija ii.

([1]) Il-kategorija addizzjonali kif moghtija skond l-artikolu 2(1) tar-regolament (kee) nru 1035/72. L-applikazzjoni ta' din il-kwalità ta' kategorija jew xi whud mill-htigiet taghha ghandhom ikunu suggetti ghad-decizjoni li ghandha tittiehed taht l-artikolu h (1) ta'l-istess regolament.

B'danakollu, dawn jista' jkollhom:

— difetti fil-kulur, ftit brix u traċċi ta' ħsara minn parassiti jew mard,

— traċċi ta' ħamrija,

— ħsara dovuta għall-ġlata.

III. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS

Id-daqs jiġi stabilit skond id-dijametru massimu tas-sezzjoni ekwatorjali.

Id-dijametru minimu huwa:

— 10 mm għall-*Brussels sprouts* mirquma kklassifikati f'kategoriji I u ii u għall-*Brussels sprouts*, mirquma jew m'humiex, ikklassifikati fil-kategorjia iii,

— 15 mm għall-*Brussels sprouts* mhux mirquma kklassifikati f'kategoriji I u ii.

Għall-*Brussels sprouts* fil-kategorija I, id-differenza bejn l-akbar u l-iżgħar qalba f'kull wieħed mill-pakketti m'għandhiex taqbeż l-20 mm.

IV. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZI

It-toleranzi fir-rigward tal-kwalità u d-daqs huma permessi f'kull pakkett għall-prodott li ma jissodisfax il-ħtiġiet tal-kategorija indikata.

A. **Tolleranzi ta' kwantità**

(i) Kategorija I

10 % Bil-piż tal-*Brussels sprouts* li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-kategorija iżda li jaqblu mal-ħtiġiet tal-kategorija ii, jew eċċezzjonalment, li jaqgħu fit-tolleranza ta' dik il-kategorija.

(ii) Kategorija II

10 % Bil-piż tal-*Brussels sprouts* li ma jissodisfawx la l-ħtiġiet tal-kategorija u lanqas il-ħtiġiet minimi, iżda l-prodott attakkat minn taħsir jew minn kull deterjorazzjoni oħra li tagħmlu mhux tajjeb għall-konsum jiġi eskluż.

(iii) Kategorija III

15 % Bil-piż tal-*Brussels sprouts* li la jissodisfaw il-ħtiġiet tal-kategorija u lanqas il-ħtiġiet minimi, iżda l-prodott attakkat minn taħsir jew minn kull deterjorazzjoni oħra li tagħmlu mhux tajjeb għall-konsum jiġi eskluż.

B. **Tolleranzi tad-daqs**

Għall-kategoriji kollha: 10 % bil-piż tal-*Brussels sprouts* mhux konformi mal-ħtiġiet tad-daqs.

V. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun jinkludi biss *Brussels sprouts* ta'l-istess oriġini, varjetà, kwalità u daqs (fejn meħtieġ).

Il-parti li tidher tal-kontenut ta' kull pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Ippakkjar**

Il-*Brussels sprouts* għandhom ikunu ippakkjati b'tali mod li jkunu protetti b'mod xieraq.

Il-materjali użati fil-pakkett għandhom ikun ġodda nodfa u tal-kwalità tali li jevitaw li jikkaġunaw kwalunkwe ħsara esterna jew interna lill-prodott. L-użu ta' materjali u partikolarment tal-karta jew tikketti li jkollhom speċifiċi ta' marketing hu permess sakemm l-istampar jew l-ittikkettjar ikun magħmul b'linka jew kolla mhux tossiċi.

Il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kull materja barranija.

VI. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR

Kull pakkett għandu jkollu dawn il-partikolarijiet li ġejjin f'ittri raggrupati fuq naħa minnhom, immarkati b'mod li jinqraw u li ma jitħassrux u li jkunu jidhru minn barra:

A. IdentifikazzjonI

Il-Pakkjatur u/jew il-mittent } L-Isem u l-indirizz tal-kodiċi tal-marka maħruġa u aċċettata uffiċjalment

B. Natura tal-prodott

Brussels sprouts mirquma jew *Brussels sprouts* mhux mirquma, jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra.

C. Oriġini tal-prodott

Il-pajjiż ta'l-oriġini u, mhux obbligatorju, id-distreet fejn tkabbar, jew l-isem tal-post nazzjonali reġjonali jew lokali.

D. L-Ispeċifikazzjonijiet kummerċjali

Il-kategorija, meta mkejla għall-qies, bil-qies imfisser skon id-dijametru minimu u massimu.

E. Il-marka tal-kontroll uffiċjali (mhux obbligatorja)

L-ANNESS III

L-*ISTANDARDS* TAL-KWALITÀ GĦALL-KARFUS IRRIGAT

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-i*standard* jgħodd għall-karfus irrigat tal-varjetà (cultivars) imkabbra mill-*apium gravelens l. dulce mill.*, li għandu jiġi fornut frisk lill konsumatur jiġi eskluż, il-karfus irrigat għall-ipproċessar industrijali huwa eskluż. 0ħ

II. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ

L-Għan ta' dan l-i*standard* huwa li jiddefinixxi l-ħtiġiet tal-kwalità għall-karfus irrigat, wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Ħtiġiet minimi**

Fil-kategoriji kollha, suġġetti għad-disposizzjonijiet speċjali għal kull kategorija u t-tolleranzi permessi, il-karfus irrigat għandu jkun:

— sħiħ, waqt li t-tirqim tal-parti ta' fuq huwa permess,

— frisk fid-dehra,

— f'kondizzjoni tajba, il-prodott effettwat minn taħsir jew minn deterjorazzjoni tali li tagħmlu mhux tajjeb għall-konsum jiġi eskluż.

— ħieles minn ħsara kkaġunata mill-ġlata,

— ħieles minn toqob, żraġen mill għeruq u fjuri maz-zkuk,

— nadif, prattikament ħieles minn kull materja barranija li tidher,

— prattikament ħieles minn ħsara kkaġunata minn insetti,

— prattikament ħieles minn insetti,

— ħieles minn umdità esterna eċċessiva, jiġifieri, niexef biżżejjed, jekk ikun maħsul,

— ħieles minn kull riħa u/jew togħma barranija.

l-għerq prinċipali għandu jkun imnaddaf sew u m'għandux jeċċedi l-5 ċm fit-tul.

Il-karfus irrigat għandu jkun żviluppat b'mod normali, wara lijitqies iż-żmien tal-produzzjoni. Il-kondizzjoni tiegħu għandha tkun tali li tagħmlu kapaċi:

— jiflaħ għat-trasport u l-ġarr bl-idejn, u

— li jasal f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika I**

Il-karfus irrigat jiġi klassifikat f'żewġ kategoriji, kif definit hawn taħt:

(i) Kategorija I

Il-karfus irrigat f'din il-kategorija għandu jkun tal-kwalità tajba, regolari fil-forma u ħieles minn traċċi ta' mard sew fuq il-weraq kif ukoll fuq iz-zkuk tal-weraq.

iz-zkuk tal-weraq m'għandhomx ikunu miksura, fibruži, mgħaffġa jew maqsuma.

fil-każ tal-karfus irrigat mill-bajdani, iz-zkuk tal-weraq għandhom ikunu ta' kulur abjad fl-isfar-abjad jew aħdar fl-abjad għall-talanqas minn nofs it-tul tagħhom.

(ii) Kategorija II

Din il-kategorija tinkludi karfus irrigat li ma jikkwalifikax biex jidħol fil-klassi I, iżda li jkun jissodisfa l-ħtiġiet minimi kif speċifikati hawn fuq.

karfus irrigat f'din il-kategorija jista' jkollu traċċi żgħar ta' sadid. Dan jista' jkollu wkoll deformazzjoni żgħira jew brix żgħir u ma jkollux aktar minn żewġt izkuk tal-weraq li jkunu miksura, mgħaffġa jew maqsuma.

fil-każ tal-karfus irrigat bajdani, iz-zkuk tal-weraq għandhom ikunu bojod fl-isfar ċar jew ħodor ċar fil-lewn għal talanqas terz mit-tul tagħhom.

III. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS

Id-daqs jiġi determinat f'relazzjoni mal-piż nett. Il-piż minimu tal-karfus irrigata huwa ta' 150 gramma.

il-karfus irrigat jiġi kklassifikat fi tliet gruppi:

(i) kbir: il fuq minn 800 gramma

(ii) medju: minn 500 gramma sa 800 gramma

(iii) żgħir: minn 150 gramma sa 500 gramma

Id-differenza fid-daqs fl-istess pakkett tista' ma teċċedix 200, 150 u 100 gramma rispettivament.

Din il-ħtieġa dwar il-klassifika għad-daqs u l-uniformità hija obbligatorja biss għall-klassi i.

IV. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZA

It-tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs huma permessi f'kull pakkett għall-prodott li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-kategorija indikata.

A. **IT-Tolleranza tal-kwalità**

(i) Klassi I

10 % Bil-għadd tal-karfus irrigat li ma jissodisfax il-ħtiġiet tal-klassi iżda li jaqbel mal-ħtiġiet għall-klassi ii, jew eċċezzjonalment, li jaqa' fit-tolleranzi ta' dik il-kategorija.

(ii) Kategorija II

10 % Bil-għadd tal-karfus irrigat li ma jissodisfax la l-ħtiġiet għall-klassi u lanqas il-ħtiġiet minimi, waqt li jiġi eskluż il-prodott attakkat minn taħsir jew minn kwalunkwe deterjorazzjoni oħra li tagħmlu mhux tajjeb għall-konsum.

B. **IT-Tolleranzi tad-daqs**

Għall-klassijiet kollha: 10 % bil-għadd tal-karfus irrigat li ma jkunx konformi mal-ħtiġiet tad-daqs.

V. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

IL-Kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fih biss karfus ta'l-istess oriġini, kwalità u kulur, u daqs (fejn meħtieġ).

Il-parti li tidher tal-kontenut ta' kull pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Preżentazzjoni**

Il-karfus irrigat jista jiġi ppreżentat:

— jew f'faxx fil-pakkett,

— jew stivat fil-pakkett.

meta jiġi ppreżentat f'faxx, il-faxxi kollha fl-istess pakkett għandu jkollhom l-istess għadd ta' biċċiet.

C. **L-Ippakkjar**

Il-karfus irrigat għandu jiġi ppakkjat b'tali mod li jkun protett b'mod xieraq.

Il-materjal użat ġewwa l-pakkett għandu jkun ġdid, nadif tal-kwalità tali li jevita li ssir ħsara esterna jew interna lill-prodott. L-użu ta' materjali u partikolarment ta' karta u tikketti li jkollhom speċifikazzjonijiet ta' marketing hu permess sakemm l-istampar jew l-ittikkettjar ikun sar b'linka jew kolla mhux tossiċi.

Il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kull materja barranija.

VI. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR

Kull pakkett għandu jkollu fuqu l-partikolarijiet li ġejjin f'ittri raggruppati fuq naħa minnhom, immarkati b'mod li jinqraw u li ma jitħassarx u li jidhru minn barra:

A. Identifikazzoni

IL-Pakkjatur
u/jew
IL-Mittent
} L-Isem u l-indirizz tal-marka tal-kodiċi maħruġa u aċċettata uffiċjalment

B. Natura tal-prodott

"Karfus irrigat" segwita bl-indikazzjoni "karfus bajdan" jew indikazzjoni ta' tip ta' kulur, jekk il-konenut ma jkunx jidher minn barra.

C. L-Oriġini tal-prodott

IL-Pajjiż ta'l-oriġini u, mhux obbligatorju, id-distrett fejn ikun ġie mkabbar jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew lokali tal-post.

D. IL-Klassi ta'l-ispeċifikazzjonijiet

kummerċjali;

meta magħżul għad-daqs, id-daqs jiġi espress bi "kbir", "medju" jew "żgħir";

l-għadd tal-biċċiet jew fejn ikun xieraq, l-għadd tal-faxxi.

E. Official control mark (optional)

L-ANNESS IV

L-I*STANDARD* TAL-KWALITÀ GĦALL-ISPINAĊI

I. ID-DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-i*standard* jgħodd għall-ispinaċi tal-varjeta (cultivars) mkabbra mill-*spinacia oleracea* l. li għandha titwassal friska lill-konsumatur filwaqt li tiġi eskluż.a l-ispinaċi għall-ipproċessar industrijali.

II. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ

L-Għan ta' dan l-i*standard* hu li jiddefinixxi l-ħtiġiet tal-kwalità għall-ispinaċi bil-weraq jew bl-irjus wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Ħtiġiet minimi**

Fil-klassijiet kollha mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali għal kull klassi u għat-tolleranzi permessi, l-ispinaċi għandha tkun:

— bla mard, filwaqt li l-prodott effettwat mit-taħsir jew minn deterjorazzjoni tali li tirrendih mhux tajjeb għall-konsum jiġi eskluż.

— friska fid-dehra,

— nadifa, prattikament ħielsa minn materja barranija li tidher,

— prattikament ħielsa mill-insetti,

— ħielsa minn zkuk bil-fjuri,

— ħielsa minn kull riħa u/jew togħma barranija.

Spinaċi maħsula għandha tkun skulata sewwa.

Fil-każ ta' rjus ta'l-ispinaċi il-porzjon li jinkludi l-għerq għandu jinqata'viċin il-bażi tal-weraq ta' fuq barra.

L-Ispinaċi għandha tkun żviluppata biżżejjed u f'kondizzjoni tali li tkun kapaċi:

— tiflaħ għat-trasport u ġarr bl-idejn, u

— li tasal f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

L-Ispinaċi tiġi kklassifikata f'żewġ taqsimiet, kif definit hawn taħt:

(i) Kategorija I

L-Ispinaċi f'din il-kategorija tista' tkun bil-weraq jew bl-irjus u għandha tkun ta' kwalità tajba.

Il-weraq għandhom ikunu:

— normali fil-lewn u fid-dehra għall-varjetà u ż-żmien tal-ħsad,

— ħielsa minn ħsara kkaġunata minn ġlata, parassiti f'għamla ta'annimal, jew mard li jgħarraq id-dehra jew li jagħmlu mhux tajjeb għall-ikel.

Fil-każ ta'l-ispinaċi bil-weraq, iz-zokk tal-werqa m'għandux jeċċedi 10 ċm fit-tul.

(ii) Kategorija II

Din il-kategorija tinkludi spinaċi bil-weraq jew l-irjus ta'l-ispinaċi li ma jikkwalifikawx biex jidħlu f'kategorija I, iżda li jissodisfaw il-ħtiġiet minimi kif speċifikati hawn fuq.

III. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS

L-Għażla skond id-daqs m'hijiex obbligatorja għall-ispinaċi.

IV. Disposizzjonijiet rigward it-tolleranza

IT-Tolleranzi rigward il-kwalità għandhom ikunu permessi f'kull pakkett għall-prodott li ma jissodisfax il-ħtiġiet tal-klassi indikata.

(i) Kategrojia I

10 % Bl-użin ta'l-ispinaċi li ma tissodisfax il-ħtiġiet tal-kategorija iżda li tkun taqbel mal-ħtiġiet tal-kategorija ii jew, eċċezzjonalment, li tkun taqa' fit-tolleranzi għal dik il-kategorija.

(ii) Kategorija II

10 % B'użin ta'l-ispinaċi li ma tissodisfax il-ħtiġiet tal-kategorija u lanqas il-ħtiġiet minimi, waqt li tiġi eskluża l-ispinaċi bil-weraq jew b'irjus effettwati minn tħassir jew minn kull deterjorazzjoni oħra li jagħmluha mhux tajba għall-konsum jiġi eskluż.. B'żieda ma' dan fil-każ ta' l-irjus ta'l-ispinaċi, tolleranza ta' 10 % bl-użin ta'l-irjus, li għandhom l-għeruq imwaħħla li ma jeċċedux 1 ċm fit-tul mill bażi tal-weraq ta' barra għandhom jiġu permessi.

V. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-PREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

IL-Kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jinkludi spinaċi biss ta'l-istess oriġini, varjetà u kwalità.

Spinaċi bil-weraq u rjus ta'l-ispinaċi m'għandhomx ikunu mħallta fl-istess pakkett.

IL-Parti li tidher tal-kontenut ta' kull pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **L-Ippakkjar**

L-Ispinaċi għandha tiġi ppakkjata b'tali mod li tiżġura li tkun protetta b'mod xieraq.

IL-Materjali wżati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u tal-kwalità tali li jevitaw li jikkaġunaw lill-prodott kull ħsara interna jew esterna. L'użu ta' materjali u partikolarment dak tal-karta jew tikketti li jkollhom fuqhom speċifikazzjonijiet ta' *marketing* huma permessi sakemm l-istampar jew it-tikkettjar ikun sar b'linka jew kolla mhux tossiċi.

IL-Pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kull materja barranija.

VI. Disposizzjonijiet rigward l-immarkar

Kull pakkett għandu jkollu fuqu dawn il-partikolarijiet li ġejjin b'ittri raggruppati fuq naħa minnhom, immarkati b'mod li jinqraw u li ma jitħassrux u li jkunu jidhru minn barra:

A. L-Identifikazzjoni

IL-Pakkjaturi u/jew IL-Mittent } L-Isem u l-indirizz tal-kodiċi tal-marka maħruġa jew aċċettata uffiċjalment

B. Natura tal-prodott

"Spinaċi bil-weraq' jew "irjus ta'l-ispinaċi', jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra.

C. Oriġini tal-prodott

IL-Pajjiż ta'l-oriġini u, mhux obbligatorju, id-distrett fejn tkabbar jew l-isem tal-post nazzjonali reġjonali jew lokali.

D. Speċifikazzjonijiet kummerċjali

Kategorija.

E. Marka uffiċjali tal-kontroll (mhux obbligatorja)

L-ANNESS V

STANDARD TAL-KWALITÀ TA'L-GĦANBAQAR

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-i*standard* jgħodd għall-għanbaqar imkabbar minn varjetajiet (cultivars)tal-*prunus domestica l., prunus insititia l. u prunus salicina lindley (prunus triflora roxburgh*), li għandhom jitwasslu friski lill-konsumatur, waqt li l-għanbaqar għall-ipproċessar industrijali jiġi eskluż.

II. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ

L-Għan ta' dan l-i*standard* hu li jiddefinixxi l-ħtiġiet tal-kwalità għall-għanbaqar wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. **Ħtiġiet minimi**

Fil-kategoriji kollha bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali għal kull kategorija u tolleranza permessi, l-għanbaqar għandu jkun:

— intatt,

— bla mard, prodott effettwat minn taħsir jew deterjorazzjoni b'tali mod li tirrendih mhux tajjeb għall-konsum jiġi eskluż,

— prattikament ħieles minn ħsara kkaġunata minn insetti jew mard,

— nadif u prattikament ħieles minn kull materja barranija li tidher,

— ħieles minn umdità esterna li mhix normali,

— ħieles minn kull riħa u/jew togħma barranija.

L-Għanbaqar għandu jkun maqtugħ bil-galbu.

Dan għandu jkun żviluppat biżżejjed u jidher misjur tajjeb. L-izvilupp u l-kondizzjoni ta'l-għanbaqar għandhom ikunu tali li jkun kapaċi:

— jiflaħ għat-trasport u ġarr bl-idejn, u

— jasal f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

L-Għanbaqar jiġi kklassifikati fi tliet taqsimiet kif definit hawn taħt:

(i) *Kategorija "extra"*

L-Għanbaqar f'din il-kategorija għandu jkun ta' kwalità superjuri. Fil-forma, fl-iżvilupp u fil-kulur dan għandu jkun tipiku għall-varjetà. Dan għandu jkun:

— ħieles minn difetti,

— prattikament koperti bl-inwar skond il-varjetà,

— imlaħħam sewwa.

(ii) *Kategorija I*

L-Għanbaqar f'din il-kategorija għandu jkun ta' kwalità tajba. Dan għandu jkollu karatteristiċi tipiċi tal-varjetà. Madankollu, dan jista' jkollu dawn id-difetti li ġejjin, sakemm dawn ma jeffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità u kemm iżomm u l-preżentazzjoni fil-pakkett:

— difett żgħir fil-forma,

— difett żgħir fl-iżvilupp,

— difett żgħir fil-kulur,
— difetti fil-qoxra ta' forma mtawla li m'għandhiex teċċedi fit-tul it-terz tad-dijametru massimu tal-frotta. B'mod partikolri, xquq imfejqa jistgħu jiġu permessi għall-varjetà [1] *golden gage*';
— Difetti oħra tal-qoxra, li l-erja totali effettwata tagħhom m'għandiex teċċedi wieħed minn sittax tal-wiċċ kollu.

iz-zokk jista' jkun bil-ħsara jew nieqes, basta ma' jkunx hemm perikolu li l-frotta titħassar minħabba f'hekk.

(iii) *Kategorija II*

Din il-kategorija tinkludi għanbaqar li ma jikkwalifikax għad-dħul fil-kategoriji ogħla iżda li jissodisfa l-ħtiġiet minimi kif speċifikati hawn fuq.

Difetti fil-forma, fl-iżvilupp u fil-kulur huma permessi sakemm l-għanbaqar iżomm il-karatteristiċi tiegħu.

Difetti fil-qoxra li x'aktarx ma jfixklux id-dehra esterna tal-frotta jew kemm iżżomm huma permessi sakemm dawn ma jeċċedux il-kwart tal-wiċċ kollu.

III. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD ID-DAQS

ID-Daqs jiġi stabbilit mid-dijametru massimu tal-parti ekwatorjali.

ID-Daqsijiet minimi jiġu stabbiliti kif ġej:

	Kategoriji "extra" u i/ classes "extra" u i	Kategorija II/classes II
Il-varjetajiet tal-frotta kbira [2]:	30 mm	35 mm
Varjetajiet oħra:	25 mm	28 mm
Mirabelles, damaskina u għanbaqar ta' dro:	17 mm	20 mm

[2] Ara lista fl-anness ta' dan.

Għall-kategrija "ekstra" id-differenza fid-dijametru bejn frott f'kull pakkett wieħed partikolari tiġi stabbilita b'10 mm.

IV. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IT-TOLLERANZA

IT-Tolleranzi rigward il-kwalità u d-daqs huma permessi f'kull pakkett għall-prodotti li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-kategorija indikata.

A. **IT-Tolleranza tal-kwalità**

(i) *IL-Kategorija "extra"*

5 % Bil-għadd jew bl-użin ta'l-għanbaqar li ma jissodisfax il-ħtiġiet tal-klassi, iżda li jkun jilħaq il-ħtiġiet għall-kategorija I jew, eċċezzjonalment, li jkun jaqa' fit-tolleranzi għal dik il-kategorija.

(ii) *IL-Kategorija I*

10 % Bil-għadd jew bl-użin ta'l-għanbaqar li ma jissodisfax il-ħtiġiet għall-kategorija, iżda li jkun jaqbel mall-ħtiġiet tal-kategorija ii jew, eċċezzjonalment, li jaqa' fit-tolleranzi għal dik il-kategorija. Minn dawn 10 %, mhux aktar min 2 % jistgħu jikkonsistu fi frott maqsum u/jew mimsus mid-dud.

(iii) *IL-Kategorija II*

10 % Bil-għadd jew bl-użin ta'l-għanbaqar li ma jissodisfax il-ħtiġiet tal-kategorija u lanqas il-ħtiġiet minimi, bl-eċċezzjoni ta' frott li jidher effettwat b'taħsir, bi grif qawwi jew minn kwalunkwe deterjorazzjoni oħra li tirrendih mhux tajjeb għall-konsum jiġi eskluż.. Minn dawn 10 % mhux aktar minn 4 % jistgħu jikkonsistu fi frott maqsum u/jew mimsus mid-dud.

[1] Definizzjoni:
Gages (berquq ahdar, dauphines, greengages) li ghandhu qoxra hadra b'isfar ileqq.

B. **IT-Tolleranzi tad-daqs**

Għall-kategoriji kollha: 10 % bil-għadd jew bil-piż ta'l-għanbaqar li jvarja mid-daqs minimu jew mid-daqs iddikjarat fuq il-pakkett, waqt li d-devjazzjoni ma teċċedix 3 mm.

V. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-PPREŻENTAZZJONI

A. **Uniformità**

IL-Kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u fih ikun jinsab biss għanbaqar ta'l-istess oriġini, varjetà, kwalità u daqs (safejn id-daqs ikun obbligatorju), u tal-kategorija "extra", il-kontenut għandu jkun ukoll uniformi fil-kulur.

IL-Parti li tidher tal-kontenut ta' kull pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. **Preżentazzjoni**

L-Għanbaqar jista' jkun ippreżentat b'wieħed minn dawn il-modi:

1. F'pakketti żgħar,
2. Stivat f'saff wieħed jew aktar separati minn xulxin,
3. Fi kwantitàfil-pakkett, ħlief għall-klassi "extra".

C. **L-Ippakkjar**

L-Għanbaqar għandu jkun ippakkjat b'tali mod li jiġi żġurat li jkun protett kif imiss.

IL-Materjali użati ġewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' kwalità tali li jiġi evitat li ssir xi ħsara esterna jew interna lill-prodott. L'użu ta' materjali u partikolarment dak tal-karta jew it-tikketti li jkollhom fuqhom speċifikaszzjonijiet ta' marketing hu permess sakemm l-istampar jew it-tikkettjar ikun sar b'linka jew kolla mhux tossiċi.

IL-Pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kull materja barranija.

VI. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD L-IMMARKAR

Kull pakkett għandu jkollu fuqu l-partikolarijiet li ġejjin f'ittri raggrupati fuq naħa minnhom, immarkati b'mod li jinqraw u li ma jitħassrux u li jkunu jidhru minn barra:

A. **Identifikazzjoni**

IL-Pakkjatur
u/jew
IL-Mittent
} L-Isem u l-indirizz tal-marka tal-kodiċi maħruġa jew aċċettata uffiċjalment.

B. **Natura tal-prodott**

— "għanbaqar" jekk il-kontenut tal-pakkett ma jkunx jidher minn barra,
— l-isem tal-varjetà.

C. **C.L-Oriġini tal-prodott**

IL-Pajjiż ta l'oriġini u, mhux obbligatorju, id-distrett fejn tkabbar, jew l-isem tal-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.

D. **Speċifikazzjonijiet kummerċjali**

— il-kategorija,
— id-daqs (safejn l-għażil għad-daqs ikun obbligatorju) espress f'dijametru minimu jew massimu.

E. Il-marka uffiċjali tal-kontroll (mhux obbligatorja)

LISTA TA' VARJETATAJIET BIL-FROTTA KBIRA

Andys pride
Ariel
Aple
Beauty
Belle de louvain (bella di lovanio)
Bernardina
Bleu de belgique
Blue free
Burmosa
California blue (blu)
Calita
Coe's golden drop
De fraile (fraila)
Denniston superb
Early orleans (monsieur hatif)
Edwards (colbus)
Eldorado
Emma leppermann
Empress
Ersinger fruehzwetsche
Formosa
Friar
Frontier
Gaviota
Giant (burbank giant prune)
Goccia d'oro
Golden japan
Grand prix (grand prize)
Grand rosa
Hackman
Hall
Harris monarch
Harry pickstone
Heron
Imperial epineuse
Jefferson (jefferson's gage)
Jori's plum
June blood
Kelsey
Kirke's plum (kirke)
Laroda
Late santa rosa
Magna glauca
Manns number one
Marjorie's seedling
Mariposa
Merton gage (merton)
Merton gem
Monarch
Morettini 355 (coeur de lion)
Nubiana
Nueva extremadura
Oneida
Ontario
Oark premier
Pond's seedling
President
Prince engelbert
Prince of wales (prince de galles)
Prof. Collumbien
Prune martin
Queen rosa
Quenn's crown (cox's emperor)
Quetsche blanche de letricourt
Red beaut
Redgold
Redroy
Regina claudia mostruosa
Regina d'italia
Reine claude d'althan (falso)
Reine claude d'oullins (oullin's gage)
Rosar premier
Royale de montauban
Royale de tours
Ruth gerstetter
Sangue di drago
Santa rosa
Satsuma improved
Seneca
Simka
Songold
Starking delicious
Sultan
Swan gage
Tragedy
Utility (laxton's utility)
Valor
Victoria
Vision
Washington
Wickson
Yakima
Zimmers fruehzwetsche